FLORIANA

KUNSILL LOKALI - FLORIANA - LOCAL COUNCIL
15 Pjazza Emanuel S. Tonna, Floriana FRN1483
Telephone No. 21 235523, 21 236951 Fax No. 21 237723

6 ta Frar 2016

**LAQGĦA TAL-KUNSILL**

**Minuti tat-tnax (12)-il laqgħa tas-Seba' Kunsill Lokali Floriana**

Is-Sindku sejħet it-tnax (12) – il Laqgħa tas-Seba' Kunsill Lokali Floriana, li nżammet **nhar it-Erbgħa 3 ta' Frar 2016 fil-5.00pm,** b'din l-aġenda:

1. Approvazzjoni tal-Minuti
2. Punti imqajjma mill-minuti
3. Komunikazzjonijiet mis-Sindku
4. Mistoqsijiet lis-Sindku
5. Materji / Rapporti u Minuti tal-Kumitati / Sottokumitati
6. Rapporti minn Ufficjali tal-Kunsill
7. Approvazzjoni ta' Ħlas ta' Kontijiet Pendenti, Xiri u Materji Finanzjarji
8. Mozzjonijiet / Rakkomandazzjonijiet
9. Estimi Annwali
10. Pjan ta Hidma 2016-2018
11. Jum il-Floriana
12. Festival Nazzjonali tal-Loghob tan-Nar tal-Art Mekkanizzat
13. St Patrick's Day
14. Skema ta Parkeġġ residenzjali
15. Progetti u Xoghlijiet
16. Traffiku u parkegg
17. Ġonna u Soft areas
18. Aggornament tal-Laqgha

Għat-tnax (12)-il laqgħa tas-Seba' Kunsill kien hemm preżenti **is-Sindku Davina Sammut Hili, Il-Viċi Sindku Vincent Borg, Il-Kunsillier Matthew Paris, Il-Kunsillier James Aaron Ellul, u l-Kunsillier Albert Demarco, flimkien mal-Aġent Segretarju Eżekuttiv S Flores.**

L-Ambaxxatriċi Lokali għaż-Żgħażagħ Michaela Farrugia ma kienitx preżenti.

Is-Sindku attendiet wara materja 3.1 minħabba raġunijiet ta xogħol.
Il-Kunsillier Matthew Paris attenda wara materja 3.2 minħabba raġunijiet ta xogħol.

**Bidu tal-laqgħa:**
Il-laqgħa nfetħet permezz ta' talba żgħira mill-Viċi Sindku Vince Borg u l-membri preżenti.

1. **Approvazzjoni tal-Minuti**

1.1. Il-Viċi Sindku Vince Borg ressaq il-minuti tal-ħdax (11)-il laqgħa tal-Kunsill li ġew iċċirkolati minn qabel ma' l-avviż tal-laqgħa u għaldaqstant ġew unanimament ikkunsidrati bħala moqrija.

1.2. Il-Kunsillier James Aaron Ellul ressaq mozzjoni, u ssekondata mill-Kunsillier Albert Demarco, favur l-approvazzjoni tal-minuti imsemmija f'1.1. Ittieħed vot bir-riżultat ikun:

Favur: 3 (JAE, AD, VB)
Kontra: 0
Astensjonijiet: 0

Konsegwentement ġew iffirmati l-minuti tal-laqgħa tal-Kunsill mill—Viċi Sindku Vince Borg u mill-Aġent Segretarju Eżekuttiv Svetlick Flores

1.3. Il-Viċi Sindku Vince Borg ressaq il-minuti tal-laqgħa annwali tal-lokalita li ġew iċċirkolati minn qabel ma' l-avviż tal-laqgħa u għaldaqstant ġew unanimament ikkunsidrati bħala moqrija.

1.4. Il-Kunsillier Albert Demarco ressaq mozzjoni, u ssekondata mill-Kunsillier James Aaron Ellul Paris, favur l-approvazzjoni tal-minuti imsemmija f'1.3. Ittieħed vot bir-riżultat ikun:

Favur: 3 (AD, JAE, VB)
Kontra: 0
Astensjonijiet: 0

Konsegwentement ġew iffirmati l-minuti tal-laqgħa annwali tal-lokalita' mill-Vici Sindku Vince Borg u mill-Aġent Segretarju Eżekuttiv Svetlick Flores

2. **Punti imqajjma mill-minuti**

2.1. Il-Kunsillier James Aaron Ellul għamel riferenza għall-materja numru 4.4.6 u staqsa rigward il-bdil tal-arma antika tal-Kunsill fit-tabelli tal-ismijiet tat-toroq.

2.1.1. L-Aġent-Segretarju Eżekuttiv informa li qed jinġabu il-kwotazzjonijiet għal-stickers.

2.2. Il-Viċi-Sindku Vince Borg għamel referenza għall-materja numru 18 rigward il-parkeġġi allokati lill-Isptar Boffa għall-użu tal-pazjenti tal-kemoterapija.

2.2.1. Il-Viċi Sindku għamel referenza wkoll għal korrispondenza mibgħuta mis-Sinjura Audrey Testaferrata Denoto rigward is-suġġett, fejn infurmat lil-Kunsill, li saret verifika mal-uffiċjali tal-isptar konċernat, u irrimarkat li dawn il-parkeġġi jintużaw minn pazjenti għal-diversi trattamenti,

2.2.2. Il-Viċi Sindku qal li dawn il-parkeġġi qed jiġu abbużati u mhux jintużaw għal l-iskopijiet li għalihom ingħataw, iżda qed jiġu kkordinati mis-Security Guards għall-użu tal-impjegati.

2.2.3. Il-Kunsillier Albert Demarco qal li min imur jinqeda minn hemm m'għandux problemi ta mobbiltà.

2.2.4. Il-Viċi Sindku qal li huwa jinsagħab infurmat li sax-xahar id-dieħel, id-dermatoloġija ser imorru Mater Dei, apparti l-fatt li l-Kunsill kien aċċetta din li jintużaw mill-Isptar Boffa ħabba l-Kemoterapija.

2.2.5. Għaldaqstant il-Kunsill qabel li jikteb lis-Sinjura Denoto sabiex il-Kunsill jerġa jeħodhom u jerġaw isiru kif kienu.

2.3. Il-Viċi-Sindku Vince Borg għamel referenza għall-materja numru 19.2 u staqsa lil Aġent Segretarju Eżekuttiv jekk kienx żviluppi.

2.3.1. L-Aġent Segretarju Eżekuttiv informa li da parti tiegħu ma kellu l-ebda risposta, però talab li ssir verifika mas-Sindku għax possibbilment kellha aġġornament hija.

2.3.2. Il-Viċi Sindku Vince Borg irrimarka li issa kien għadda wisq żmien u Ġnien il-Mall għadu mitfi. Huwa irrimarka li dan huwa ġnien frekwentat minn ħafna.

2.3.3. Il-Kunsill qabel li jitlob laqgħa mal-ELC sabiex jara li l-materji tiġi konkluża.

2.4. Ma kienx hemm punti diskussi mill-minuti tal-Laqgħa Annwali tal-Lokalita.

## 3. <u>Komunikazzjonijiet mis-Sindku</u>

3.1. Il-Viċi Sindku Vince Borg ressaq talba mingħand is-Sur Nick Bilocca, rappreżentant tal-Kumpanija Frank Salt Ltd, fejn talab sabiex iwaħħal sitt ta' barriers bir-riklami ġol-konfini tal-Lokalita, f'numru ta' żoni.

3.1.1. Wara diskussjoni libera, il-Kunsill qabel li japprova twaħħil ta' barriers fejn l-entratura tal-parkeġġ tal-Floriana Football Club, iżda ma qabilx maz-zoni l-oħra proposti, minħabba li numru huma proposti f'zoni esklużi mit-twaħħil ta sinjali simili, oħrajn ġew proposti f'zoni diġà approvati lil-terzi, u oħrajn f'zoni residenjzali.

3.1.2. Il-Kunsill qabel ukoll li joffri spazju ta reklam fuq il-vettura tal-Kunsill, suġġetta għal-diskussjoni iktar dettaljata, u approvazzjoni tad-disinn.

**NB: 5.39pm Is-Sindku Davina Sammut Hili attendiet għal-laqgħa**

3.2. Is-Sindku ressqet korrispondenza mingħand TCTC fejn offrew lil-Kunsill sabiex jieħdu sehem fil-proġett EMCitizen, kors tal-Informatika għal-persuni adulti fuq Smartphones u tablets, għall-prezz ta €300

3.2.1. Il-Kunsill qabel li jaċċetta l-proposta ta' TCTC.

3.3. Is-Sindku Davina Sammut Hili ressqet korrispondenza mingħand Sur Delceppo mill-Mlddlesea, rigward rinnovazzjoni taħt il-loġoġ ta quddiem Development House. Fejn talbu rinnovazzjoni . manutenzjoni fuq il-fanali ornamentali hemm imwaħħlin u li huma propjetà tal-Kunsill.

3.3.1. Il-Kunsill qabel li jiltaqgħu mas-Sur Delceppo jew rappreżentanti tal-Kumpanija sabiex issir diskussjoni iktar profonda.

**NB: 5.51pm Il-Kunsillier Matthew Paris attenda għal-laqgħa.**

3.4. Is-Sindku Davina Sammut Hili ressqet korrispondenza mingħand is-Sur Daniel Chircop, is-Sur Justin Haber, u is-Sur Chrisander Agius fejn talbu lil-Kunsill sabiex japplika għall-no objections mal-awtoritajiet konċernati sabiex tkun tista' tittella attività fix-xahar ta Diċembru 2016, fuq il-Fosos tal-Floriana. L-organizzaturi spjegaw li dan qed jintalab isir minħabba numru ta problemi. L-Organizzaturi talbu ukoll sabiex tinżamm zona esklussiva madwar il-fosos sal-knisja, parti minn Vjal ir-Re Dwardu, u parti minn Triq L-Assedju l-Kbir.

**NB: 5.51pm Il-Kunsillier Matthew Paris ħareġ mill-laqgħa minħabba konflitt t'interess.**

3.4.1. Il-Viċi-Sindku Vince Borg qal li huwa jaqbel u ma din l-attività', iżda ma jaqbilx li l-Kunsill għandu jagħmel xi applikazzjoni, la darba l-attività' ser tiġi imtella mill-privat, u hemm element kummerċjali sostanzjali. Il-Membri tal-Kunsill preżenti qablu mal-Viċi Sindku.

3.4.2. Il-Kunsill qabel li jagħti n-no objection lil-organizzaturi sabiex ikunu jistaw jipproċedu bil-permessi tal-attività. Il-Kunsill qabel ukoll li jirriserva l-użu tal-fosos ix-xahar ta Diċembru kollu u l-bidu ta Jannar għal din l-attività'

3.4.3. Il-Kunsill iddiskuta ukoll iz-zona ta' esklussivita' mitluba mill-applikanti. Il-Kunsill ma qabilx maz-zona kif proposta, iżda qabel li l-entitajiet kummerċjali eżistenti fiż-żona indikati, għandhom jigu esklużi mill-esklussivita, bħal ma jsir fil-Kuncert tal-Isle of MTV.

**NB: 5.58pm Il-Kunsillier Matthew Paris attenda għall-laqgħa**

3.5. Is-Sindku Davina Sammut Hili ressqet korrispondenza mingħand Castille Resources fejn taw aġġornament rigward rampa lli xtaqu jgħamlu fuq il-bankina sabiex jiffaċilitaw l-aċċess għal-uffiċini tagħhom għall-persuni bi problemi ta mobbilità.

3.5.1. Il-Kunsill innota li bhall ma għandu problema dan l-uffiċju, kull uffiċju / entita' fil Floriana tista' tesperjenzaha.

3.5.2. Il-Kunsill ma qabilx li jkun hemm xi tip ta sgombru fuq il-bankina, iżda għandhom jgħamlu arranġamenti interni

3.6. Is-Sindku Davina Sammut Hili infurmat lill-Kunsill li s-Sur Paul Galea, il-persuna li tieħu

ħsieb il-gruppi ta nies fil-viżta tal-mina tal-Ferrovija waqt l-attività' annwali tal-Kunsill Ġenna ta Ġonna u ħafna aktar, ser ikun indispost fil-ġurnata li s-soltu l-Kunsill jorganizza l-attività minħabba li għandu impenji ma Kunsill ieħor.

3.6.1. Il-Kunsill ħa nota, u qabel li possibbilment, l-attività tal-Kunsill issir f'ġurnata oħra, kif ukoll li jekk ma jkunx dan il-każ, possibbilment jista' jinsagħab persuna oħra biex tagħmel dan ix-xogħol. Madankollu qabel li preferibbilment anke issir diskussjoni mal-Kunsill l-ieħor, u dan sabiex ma jkunx hawn żewġ attivitajiet organizzati minn Kunsilli differenti fl-istess ġurnata.

3.7. Is-Sindku Davina Sammut Hili infurmat li matul dan il-perjodu, il-Kunsill irċieva tlett talbiet għal danni. Dawn kienu tas-Sinjura Maria-Anna sive Mercieca, li hija talba li l-Kunsill diġà irrifjuta, tas-Sur Luke Sammut dwar aċċident li sar viċin iz-zona tal-Park and Ride, u tas-Sur Sean Spiteri, dwar inċident li sar viċin iz-zona tal-Kwartieri Ġenerali tal-Pulizija. Hija irrimarkat li dawn għaddew għand l-avukat tal-Kunsill sabiex issir il-verifika u l-validità' tagħhom.

3.8. Is-Sindku Davina Sammut Hili infurmat li wara l-laqgħa li inżammet mal-Ministru Joe Mizzi, kien hemm il-qbil li l-Ministeru tal-infrastruttura jgħin lill-Kunsill fejn jidħol patching ta diversi toroq. Dan ser isir billi l-Kunsill jipprovdi il-materjal, waqt li l-Ministeru jipprovdi l-makkinarju u l-ħaddiema.

## 4. <u>Mistoqsijiet lis-Sindku</u>

4.1. Il-Kunsillier Matthew Paris staqsa jekk il-Kunsill għandux xi forma ta statistika kemm isiru aċċidenti b'vetturi fi Triq Pietro Floriani kantuniera ma Triq il-Kapuċċini.

4.1.1. Is-Sindku wieġbet fin-negattiv, madankollu hija wieġbet li tinsagħab konxja li f'din il-kantuniera ikun hemm numru sostanzjali ta aċċidenti.

4.1.2. Il-Viċi Sindku Vince Borg qal li f'dik l-akwata, Transport Malta approvat li ssir żebra crossing, li din ser isservi ukoll sabiex il-vetturi inaqqsu il-veloċità.

4.1.3. Wara diskussjoni, il-Kunsill qabel li ssir manutenzjoni fir-road hump eżistenti sabiex tkun iktar effettiva.

4.2. Il-Kunsillier Matthew Paris staqsa lis-Sindku jekk kienx hemm xi żvilupp dwar jekk hux ser jinbidel jew jiġi irranġat il- cladding li sar mal-bini l-ġdid tal-Forzi Armati ta Malta.

4.2.1. Is-Sindku infurmat li l-Kunsill ma rċieva l-ebda komunikazzjoni dwar dawn, u għaldaqstant il-Kunsill qabel li tintbagħat komunikazzjoni f'dan is-sens lil-Forzi Armati ta' Malta.

4.3. Il-Kunsillier James Aaron Ellul irrimarka li s-sitwazzjoni tal-iskart u ndafa ġewwa l-lokalita' għamlet ħabta kienet tranġat, madankollu qed jinnota li din reġgħet bdiet sejra lura. Huwa informa li kellu ilmenti li t-trakk taż-żibel reġa beda iqattar xi likwidi riżultant mill-iskart u għaldaqstant staqsa lis-Sindku jekk hijiex infurmata b'dan. Huwa staqsa ukoll jekk l-aħħar loġġa ta Triq Sant Anna hux tinħasel.

4.3.1. Is-Sindku wieġbet li is-sitwazzjoni tal-indafa inġenerali tranġat ħafna. Madankollu xorta jibqa' il-problema ta karti u ħmieġ ieħor li jinqabad taħt il-karozzi, u għaldaqstant huwa diffiċli għal kuntrattur li jnaddfu. Hija żiedet tgħid li qed ikun hawn iktar kenniesa fil-lokalita speċjalment fit-toroq l-iktar frekwentati., u dan wara laqgħa u talba li saret lill-Kuntrattur responsabbli.

4.3.2. Fir-rigward tal-loġoġ, hija infurmat li waqt laqgħa mal-Ministru Joe Mizzi, dak, il-ħin stess, saret it-talba lid-Direttur tal-Cleansing sabiex iżid il-frekwenza ta tindif taħt il-loġoġ. Hija infurmat li dan ix-xogħol fil-maġġior parti tiegħu isir bil-lejl. Hija żiedet tgħid li madankollu, il-loġoġ mhux ħasil biss għandhom bżonn iżda manutenzjoni, u rinnovazzjoni, liema talba ġiet imressqa ukoll lill-Ministru responsabbli. Hija żiedet tgħid ukoll li ser tkun qed titlob laqgħa mad-Direttur tal-Cleansing sabiex jekk hemm xi affarijiet li jistgħu jiġu ammiljorati, dawn jiġu diskussi.

4.4. Il-Kunsillier Matthew Paris staqsa lis-Sindku jekk kienx hemm xi ilment, jew il-Kunsill huwiex infurmat u għaldaqstant għamel xi rapport, li l-furnar ta Triq L-Isqof Mauro Caruana qed jaħraq injam biż-żebgħa,

4.4.1. Is-Sindku infurmat li ma daħal l-ebda rapport jew ilment simili.

4.4.2. Il-Kunsill qabel li jintbagħat rapport lill-awtorità konċernata fuq din l-allegazzjoni sabiex imbagħad l-awtorità konċernata tagħmel il-verifiki neċessarji, u jekk ikun opportun, tieħu l-passi neċessarji.

4.5. Il-Viċi Sindku Vince Borg staqsa lis-Sindku jekk il-Kunsill irċeviex xi risposta mill-Ministeru għat-Turiżmu rigward il-proġett/i propost/i mill-Kunsill

4.5.1. Is-Sindku infurmat li kellha komunikazzjoni fejn ġiet infurmata li l-Kunsill ser jirċievi tweġiba sal-15 ta'Frar. Hija żiedet tgħid li tinsagħab infurmata li internament, l-MTA diġà żammu xi diskussjonijiet, anke mas-sezzjoni tal-Patrimonju Kulturali

4.5.2. Il-Kunsillier Matthew Paris staqsa lis-Sindku jekk hemmx indikazzjoni tas-somma, jew jekk hux ser jimxu mal-proposta tagħna li jsir proġett f'xi fażijiet, u dan sabiex ma jiġrix il-każ li jintagħżel xi fażi tal-proġett li awtomatikament jitfa lill-Kunsill f'pożizzjoni li bilfors irid ikompli il-proġett hu, a spejjez tiegħu.

4.5.3. Is-Sindku wieġbet, li għad m'għandiex informazzjoni fuq dawn il-punti.

4.6. Il-Kunsillier James Aaron Ellul għamel referenza għal fatt li bank partikolari ta fuq il-fosos, qed jinqala kontinwament minn postu u jitpoġġa f'post ieħor, u staqsa lis-Sindku jekk ittieħdux xi passi fuq dan

4.6.1. Is-Sindku infurmat li l-ħaddiem tal-Kunsill waħħlu f'postu kemm il-darba, madankollu, dan il-bank jergaw jaqilawħ, u jpogguħ quddiem ieħor, possibbilment sabiex grupp ta nies ikunu jistaw joqgħodu bilqegħda fl-istess

zona quddiem xulxin

4.6.2. Is-Sindku infurmat li sar rapport anke lil-Pulizija sabiex issir iktar sorveljanza.

4.7. Il-Kunsillier James Aaron Ellul tkellem rigward ilment li kien hemm riċenti fuq l-istat tal-piċċ sintetika tal-Kunsill, u staqsa jekk hux ser tittieħed xi azzjoni.

4.7.1. Il-Kunsill qabel li sakemm ma jitranġax, il-piċċ ma jinkeriex iktar. Il-Kunsill qabel li titwaħħal tabella li tindika li l-użu huwa "at your own risk".

4.7.2. Is-Sindku fakkret ukoll, li l-Kunsill kien irrifjuta l-offerta ta Justin Haber Football Academy, u dan għal raġunijiet ovvji li diġà ġew diskussi.

4.7.3. Il-Kunsill qabel li jinġabu kwotazzjonijiet għal manutenzjoni neċessarji.

4.8. Il-Kunsillier Albert Demarco staqsa lis-Sindku jekk kienx hemm xi aġġornament fuq l-applikazzjoni tal-bozza fi Triq Antonio Agius

4.8.1. Is-Sindku infurmat li l-Kuntrattur kellu jiġi dak inhar.

4.9. Il-Kunsillier Albert Demarco staqsa rigward is-sistema tat-traffiku ta Vjal ir-Re Dwardu, u jekk setgħatx tiġi riveduta, minħabba li vetturi m jistawx imorru fid-direzzjonijiet kollha possibbli, iżda ikollhom jieħdu triq itwal f'ċertu istanzi.

4.9.1. Il-Viċi Sindku Vince Borg informa lill-Kunsillier Albert Demarco li dik is-sistema tat-traffiku ġiet żviluppata minn Transport Malta fiż-żmien meta daħlet l-Arriva, u dan sabiex jiġi ikkontrollat aħjar id-direzzjonijiet tat-traffiku

4.10. Il-Kunsillier Albert Demarco staqsa lis-Sindku jekk l-islipway ta taħt il-Forka tistax tiġi irranġata minħabba li fiha tarġa u b'hekk tagħmilha diffiċli li wieħed iniżżel jew itella dgħajsa.

Is-Sindku informatu li din hija responsabiltà ta Transport Malta.

4.11. Il-Viċi Sindku Vince Borg staqsa lis-Sindku jekk sarux żviluppi fir-rigward tal-kontroll tal-ħamiem

4.11.1. Is-Sindku Davina Sammut Hili informatu li s-Segretarju Eżekuttiv diġà beda bil-kuntatti u bl-approvazzjonijiet neċessarji.

4.12. Il-Vince Borg Rigward staqsa lis-Sindku jekk hux possibbli li s-sala tal-Kunsill tintuża minn Studenta tal-ITS, residenta l-Floriana, sabiex torganizza attività edukattiva ta gastronomija.

4.12.1. Il-Kunsill qabel li s-sala tista' tiġi użata għal din l-attività edukattiva, bil-kundizzjoni li l-attività' issir konġunta mal-Kunsill inkluż kull reklamar. Il-Kunsill qabel s-sala tingħata b'xejn għal dan l-użu, filwaqt li l-istudenta tħallas għal ispejjeż tal-*overtime* tal-impjegat.

## 5. Materji / Rapporti u Minuti tal-Kumitati / Sotto-kumitati

5.1. Il-Viċi Sindku Vince Borg ippreżenta l-minuti tal-ewwel laqgħa tas-Sottokumitat tal-Anzjani li saret l-Erbgħa 13 ta' Jannar 2016.

5.1.1. Huwa ġibed l-attenzjoni li s-sottokumitat kien qed jorganizza laqgħa maċ-Chairperson tal-Housing, liema laqgħa hija proposta għal nhar it-Tnejn 8 ta Frar fil-11.00am sabiex jiġi diskuss l-istallazzjoni ta lift f'numru ta appartamenti, għall-benefiċċju tal-inkwilini.

5.1.2. Il-Viċi Sindku Vince Borg informa wkoll bl-Intenzjoni tal-istess Sottokumitat li jiltaqgħu mas-Segretarju Parlamentari Chris Fearne.

## 6. Rapporti minn Uffiċjali tal-Kunsill

6.1. Ma kienx hemm rapporti imressqa.

## 7. Approvazzjoni ta' Ħlas ta' Kontijiet Pendenti u Materji Finanzjarji

7.1. L-Aġent Segretarju Eżekuttiv ippreżenta l-iskedi ta' pagamenti bir-referenza 10/07, li ġew iċċirkolati minn qabel ma' l-avviż tal-laqgħa.

7.1.1. Il-Kunsillier Matthew Paris astjena mill-pagamenti ta' Daniel Attard.

7.2. Wara mozzjoni mressqa mill-Kunsillier Matthew Paris u ssekondata mill-Vince Borg, ittieħed vot favur l-approvazzjoni tal-ħlasijiet ta' kontijiet pendenti indikati fl-iskeda tal-pagamenti 10/7 bir-rizultat:

Favur: 4 (MP, VB, DSH, JAE)
Kontra : 0
Astensjonijiet: 0

7.3. Għaldaqstant, l-iskeda ta' pagamenti sabiex jiġu approvati l-ħlasijiet ġiet approvata u ġiet iffirmata mill-Viċi Sindku, minn żewġ kunsillieri u mill-Aġent Segretarju Eżekuttiv.

7.4. Il-Kunsillier Matthew Paris staqsa jekk preżentement il-Kunsill Lokali għandux dejn jew għandux kredituri.

7.4.1. L-Aġent Segretarju Eżekuttiv, informa l-Kunsill li preżentement, il-Kunsill m'għandux dejn u kull kreditur li ta fattura sal-ġimgħa ta qabel huwa imħallas.

7.4.2. L-Aġent Segretarju Eżekuttiv informa ukoll li l-Kunsill għandu fondi biżżejjed li jkopru ħlasijiet sal-aħħar ta dal-kwart. Huwa fakkar li l-Kunsill għad irid jirċievi l-kontijiet tax-xogħolijiet li saru l-aħħar, fosthom il-bankina ta Triq Pietro Floriani, il-bankina ta' Pjazza Sir Luigi Preziosi u x=xogħlijiet li saru fiż-żona tal-Polverista.

7.5. L-Aġent Segretarju Eżekuttiv informa li propju dak inhar, il-Perit tal-Kunsill iċċertifika li saru l-ispralli pendenti ta Triq il-Konservatorju. Il-Perit bagħat il-kont rivedut tal-bankina kollha, liema kont tħallas, eskluż l-aħħar tlett spralli in kwistjoni. Il-Kunsill qabel li għaldaqstant il-Kuntrattur jitħallas il-ħlas oġġetti relevanti.

**8. <u>Mozzjonijiet / Rakkomandazzjonijiet</u>**

8.1. Ma kienx hemm mozzjonijiet imressqa.

**9. <u>Estimi Annwali</u>**

9.1. Is-Sindku Davina Sammut Hili ressqet l-Estimi Annwali tas-Sena 2016, li ġew iċċirkolati minn qabel ma' l-avviż tal-laqgħa u għaldaqstant ġew unanimament ikkunsidrati bħala moqrija.

9.2. Il-Kunsill qabel li wara li ġie diskuss waqt il-laqgħa tal-lokalita, irriżulta li ma kienx hemm kampbjamenti meħtieġa.

9.3. Wara mozzjoni mressqa mill-Kunsillier Albert Demarco u ssekondata mill-Kunsillier James Aaron Ellul, ittieħed vot favur l-approvazzjoni tal-Estimi Annwali 2016 bir-rizultat:

Favur: 4 (AD, JAE, DSH, VB, MP)
Kontra : 0
Astensjonijiet: 0

**10. <u>Pjan ta' Ħidma 2016-2018</u>**

10.1. Il-Kunsill qabel li l-Pjan ta' Ħidma jiġi diskuss fil-laqgħa li jmiss.

**11. <u>Jum il-Floriana</u>**

11.1. Il-Kunsillier Matthew Paris informa li kien ġie avviċinat mis-Sur Charles Zammit Moore, fejn ġie infurmat bix-xewqa li jsir kambjament radikali fit-Tonna Trophy. Il-Viċi Sindku iddiskuta mas-Sur Zammit Moore dwar il-possibbiltà li din l-attività tiġi amalgamata ma tal-Kunsill, Jum il-Lokalita.

11.2. Il-Kunsill iddiskuta il-ġurnata li fiha jinżammu l-attivitajiet ta Jum il-Lokalita, li preżentement hija fil-Ħadd tal-Festa, ġurnata diġà kemxejn impenjattiva għal dawk kollha li huma dilettanti tal-festa, għall-għaqdiet, kif ukoll għar-residenti.

11.3. Il-Kunsillier Matthew Paris, kif issuġġerixxa f'laqgħa preċedenti, issuġġerixxa li issir simili ta Award Night, b'mod iktar professjonali, u f'sala iktar addata, bħas-Sala Robert Sammut. Il-Kunsill qabel mal-proposta.

11.4. Il-Kunsillier Matthew Paris issuġġerixxa li jinħatar bord tal-aġġudikazzjoni, rappreżentant tal-Kunsill, u tal-inqas 2 membri li ma jifformawx parti mill-Kunsill, sabiex jevalwa in-nominazzjonijiet tat-tofej tal-Kunsill. Jekk ikun il-każ, Ġieħ il-Floriana ma jkunx jaqa taħt il-Ġurisdizzjoni ta dan il-Bord.

11.5. Il-Kunsill qabel li mis-sena id-dieħla jiġi ikkunsidrat li ir-riċeviment tal-21 ta' Jannar u Jum il-Floriana jingħaqdu flimkien biex b'hekk tittella' attività waħda ta livell għola.

11.6. Il-Kunsillier Matthew Paris talab li jiżdied il-fond allokat għal din l-attività'. Il-Kunsill qabel li dan jiżdied bi €300.

11.7. Il-Kunsillier Matthew Paris talab li l-Kunsill jinvesti f'sitt bnadar oħra bħal dawk li inxtraw għall-Ġenna ta Ġonna sabiex jeħlu, flimkien ma dawk eżistenti fi Triq Sant Anna. Il-Kunsill qabel

11.8. Il-Kunsill qabel li l-attività issir il-Ġimgħa fil-għaxija, minflok il-Ħadd.

11.9. Il-Kunsillier Matthew Paris ippropona li ssir laqgħa mal-għaqdiet rigward dawn l-iżviluppi. Il-Kunsill qabel li din issir il-Ġimgħa 12 ta' Frar fis-6.30pm. Il-Kunsill qabel li sa dakinhar, jiġi ippreżentat il-programm kollu kif ukoll id-dokumentazzjoni kollha relatata.

11.10. Il-Viċi Sindku Vince Borg ġibed l-attenzjoni li fil-laqgħa li ġejja, il-Kunsill irid jiddeċiedi liema ser ikunu dawk il-personaġġi li l-Kunsill ser jonora din is-sena, u għaldaqstant kullħadd għandu jaħseb f'nominazzjonijiet.

11.11. Il-Viċi Sindku Vince Borg informa li r-Reġjun Xlokk alloka fond ta €10,000 għall-kull Kunsill involut, li jmorru versus spejjez relatati ma attivitajiet. L-Aġent Segretarju Eżekuttiv qal li ser jivverifika dwar x'hinu eżatt dan il-fond, minħabba li huwa mhuwiex infurmat bih.

**12. <u>Festival tal-Logħob tan-Nar tal-Art Mekkanizzat.</u>**

12.1. Il-Kunsillier Matthew Paris informa li d-disinn fuq il-Poster miexi, kif ukoll li reċentement tkellem mal-koordinatur, Noel Castillo.

12.2. Il-Kunsillier Matthew Paris, kif diskuss f'laqgħat preċedenti tal-Kunsill , iddiskuta l-attrazzjoni tal-10 anniversarju mas-Sur Castillo, fost il-possibiltajiet hemm ftuħ tal-Festival b'disinn tan-nar li jfakkar l-10 anniversarju, għeluq b'xi nar isbaħ mill-kaxxa ċiniża, kif ukoll pannelli informattivi madwar il-fosos, b'informazzjoni dwar kull edizzjoni passata. Hwa qal li dawn ovvjament ser iġibu spejjez addizzjonali

12.3. Il-Kunsillier Matthew Paris qal li attrazzjonijiet ifissru spiża ikbar, madankollu, fakkar li l-Kunsill diġà franka €900 peress li hemm kamra tan-nar inqas. Il-Kunsill qabel li l-fond allokat għal din l-attività' jiżdied b'€1,500, b'total ta €25,000 ladarba hemm ċelebrazzjoni ta' 10 snin anniversarju.

12.4. Il-Kunsill iddiskuta ukoll il-ħin tal-bidu tal-festival. Il-Kunsillier Matthew Paris, informa li intlaħaq qbil mal-Banda Vilhena, sabiex huma jispiċċaw l-kunċert tagħhom fl-10.15pm, liema ħin jagħti bidu għall-festival tal-Kunsill.

## 13. St Patrick's SUNDay

13.1. Is-Sindku Davina Sammut Hili infurmat li x-xogħol fuq din l-attività, miexi b'ritmu mgħaġġel hekk kif l-attività qed toqrob. Hija infurmat li kollox huwa konkluż apparti l-compere tal-attività.

## 14. Skema ta Parkeġġ Residenzjali

14.1. Is-Sindku Davina Sammut Hili talbet lil Kunsillier Albert Demarco sabiex jikkordina laqgħa mal-Kunsilliera sabiex jigu diskussi ir-regolamenti tal-Kunsill marbutin ma din l-iskema

14.2. Il-Viċi Sindku Vince Borg informa li preżentement, l-amministrazzjoni tal-Kunsill qed tagħmel l-eżerċizzju ta verifika dwar l-applikanti u l-applikazzjonijiet kollha mar-reġistru elettorali, sabiex dawk li għal xi raġuni jew oħra m'għadomx eliġibbli, ma jinħarġilhomx permess.

## 15. Proġetti u Xogħolijiet

15.1. Is-Sindku Davina Sammut Hili infurmat li l-proġett ta madwar il--Polverista u l-bankini ta madwar Binja Vilhena waslu fil-finali tagħhom u baqa biss l-aħħar ftit irtokki.

15.2. Hija żiedet tgħid li ġiet infurmata mill-Perit Chris Mintoff, li waqt laqgħa li kellu l-istess perit mas-Sovraintendenza tal-Patrimonju Lokali, kien suġġerit mill-istess Sovraintendenza li l-Kunsill japplika biex jimbarra il-Polverista minħabba li qeda fi stat perikoluż, u l-Kunsill kien ser isib l-appoġġ tagħhom sabiex dan ix-xogħol isir.

15.2.1. Il-Kunsill madankollu innota li dan ix-xogħol kellu isir mis-Sovraintendenza stess, ladarba dan huwa wirt storiku, u misshom lanqas biss għaddilhom minn moħħhom li jitolbu li dan ix-xogħol isir mill-Kunsill.

15.2.2. Il-Kunsill żied jgħid li l-ewwel is-Sovraintendenza ma tatx każ ta dan il-patrimonju, u issa tippretendi li l-Kunsill jagħmel dak li missa għamlet l-istess Sovraintendenza snin twal ilu.

## 16. Traffiku u parkeġġ

16.1. Il-Sindku Davina Sammut Hili infurmat lil-Kunsill li kellha talba Minn Dr Ramon Tonna mill-Floriana Primary Health, sabiex isir estensjoni tal-parkeġġi riservati tal-Klinika, għall-użu tat-Tobba, għaliex jagħtu servizz.

16.1.1. Il-Kunsill ma qabilx ma din it-talba, iżda qabel li għandhom ikollhom dak li jippermettu ir-regoli ta Transport Malta.

16.1.2. Il-Kunsill innota li mhux it-tobba biss jagħtu servizz fil-Lokalita, iżda, anke eżempju l-għalliema tal-iskola, u impjegati oħra, u għaldaqstant, l-argument ma kienx wieħed li jreġi.

16.2. Il-Kunsillier Matthew Paris irrimarka li kieku is-servizz tal-Park and Ride huwa iktar effiċjenti billi jieqaf fil-Floriana, kieku jissolvew ħafna minn dawn il-problemi, u għaldaqstant talab li l-Kunsill jerġa jikteb lil Transport Malta sabiex ifakkar fuq din it-talba li l-Kunsill ressaq kemm il-darba iżda baqa bla risposta konkreta.

16.3. Il-Kunsill iddiskuta talba ukoll li ressaq il-Viċi Arċipriet, sabiex jingħata permess taħt l-Iskema ta Parkeġġ residenzjali

16.3.1. Il-Kunsillier Matthew Paris irrimarka li huwa jaqbel li kull għaqda ikolla permess wieħed taħt l-iskema

16.3.2. Il-Kunsill qabel li dan is-suġġeriment jiġi diskuss fil-laqgħa li ser issir rigward l-iskema, u sussegwentement tiġi diskussa it-talba tal-Viċi-Arcipriet.

## 17. Ġonna u Soft areas

17.1. Is-Sindku Davina Sammut Hili tkellmet dwar Ġnien il-Mall. Hija infurmat lil-membri preżenti li l-ELC qalu li l-Kunsill ma kienx ried li Ġnien il-Mall jingħalaq, u b'hekk żammu il-proġett milli jibda.

17.1.1. Il-Kunsill qabel li huwa qatt ma kien kontra li jingħalaq il-Ġnien, iżda jiddependi minn fejn ser jingħalaq, l-ħinijiet, u l-metodu. Il-Kunsill irrimakra li qatt ma kelli il-pjanti u d-disinni finali sabiex jieħu deċiżjoni aħħarija.

17.1.2. Il-Kunsill innota ukoll li wieħed irid jixtarr jekk il-proposta tal-ELC hijiex finanzjarment ġustifikata.

17.2. Il-Viċi Sindku Vince Borg ippropona li l-bankijiet (inkluż l-imwejjed) li hemm fi Ġnien Sir Luigi Preziosi, li jinsagħabu quddiem l-Ambaxxata Torka, u li qeghdin eżatt taħt is-siġar u b'hekk huma suġġetti għal ħmieġ tal-għasafar, jiċċaqalqu minn posthom u jinstabilhom post alternattiv. Il-Kunsill qabel

## 18. Aġġornament tal-Laqgħa

18.1. Il-Kunsill qabel li l-laqgħa li jmiss għandha ssir nhar id-9 ta' Marzu 2016 fil-5pm.

**Il-laqgħa intemmet fis-7.35 p.m.**

Davina Sammut Hili
Sindku

Svetlick J. Flores
Aġent Segretarju Eżekuttiv